



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# Bidu ġdid għad- djalogu soċjali



Ewropa Soċjali



# Bidu ġdid għad- djalogu soċjali

**Il-Kummissjoni Ewropea**

Direttorat Ġenerali tal-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

Unità A2

Manuskritt komplut f'Awwiisu 2016

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Il-links f'din il-pubblikazzjoni kienu korretti meta tlesta dan il-manuskritt.

© Ritratt tal qoxra: L-Unjoni Ewropea

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (\*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

ISBN 978-92-79-60877-3 - doi:10.2767/106887 (print)

ISBN 978-92-79-60849-0 - doi:10.2767/670007 (PDF)

© L-Unjoni Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA HIJLSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

## Fehim tad-djalogu soċjali Ewropew

Id-djalogu soċjali jirreferi għad-diskussjonijiet, il-konsultazzjonijiet, in-negozjati u l-azzjonijiet konġunti li spiss isiru bejn tali sħab soċjali bħala impjegaturi u trejtdjunjins. Id-djalogu soċjali jkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet soċjali u kwistjonijiet relatati max-xogħol, u xi drabi jinvolvi l-awtoritajiet pubbliċi. Fil-livell tal-UE, huwa tnedja fl-1985 mill-President tal-Kummissjoni Ewropea Delors f'Val Duchesse.

L-iżvilupp u t-trawwim tad-djalogu soċjali huwa element essenzjali tal-mudell soċjali Ewropew, peress li għandu rwol kruċjali fil-promozzjoni tal-kompetittività u l-ġustizzja u fit-tishiĥ tal-prosperità ekonomika u l-benesseri soċjali. Id-djalogu soċjali Ewropew jikkomplimenta d-djalogu soċjali li qed fied isir fil-livell nazzjonali.

### LIVELLI TA' DJALOGU

#### BEJN L-INDUSTRIJI

Li jkopru l-ekonomija kollha kemm hi

#### SETTORJALI

Li jkopru l-ħaddiema u l-impjegaturi f'aktar minn 40 settur speċifiku tal-ekonomija

### TIPI TA' DJALOGU

#### BIPARTITIKU

Djalogu bejn l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema Ewropej

#### TRIPARTITIKU

Interazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, it-trejtdjunjins u l-istituzzjonijiet tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea)

### MEXXEJJA TAD-DJALOGU

#### AWTONOMI

It-tipi kollha ta' attivitajiet konġunti li jsegwu l-programmi ta' ħidma tas-sħab soċjali

#### IBBAŻATI FUQ IT-TRATTAT

Konsultazzjoni u negozjati possibbli ta' ftehimiet fl-oqsmha tal-politika soċjali (Artikoli 153–155 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE))

## Min huma s-sħab soċjali Ewropej?

### SĦAB SOĊJALI BEJN L-INDUSTRIJI

Id-djalogu soċjali bejn l-industriji jinvolvi lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-ħaddiema u lill-impjegaturi tas-setturi privati u pubbliċi, lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u lill-persunal professjonali u maniġerjali.

#### Organizzazzjonijiet ġenerali bejn l-industriji:

- BUSINESSEUROPE
- Ċentru Ewropew għal Min Iħaddem u għall-Intrapriżi li jipprovdu Servizzi Pubbliċi (CEEP)
- Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU)

#### Organizzazzjonijiet bejn l-industriji li jirrappreżentaw ċerti kategoriji ta' ħaddiema u impriżi:

- Assoċjazzjoni Ewropea tal-Artiġjanat u tal-Intrapriżi Żgħar u Medji (UEAPME)
- Eurocadres
- Konfederazzjoni Ewropea ta' Eżekuttivi u Persunal Maniġerjali (CEC)

#### Organizzazzjonijiet speċifiċi:

- Eurochambres

### SĦAB SOĊJALI SETTORJALI

Madwar 80 organizzazzjoni Ewropea minn setturi ekonomiċi speċifiċi jipparteċipaw fi djalogu soċjali fis-setturi rispettivi tagħhom.

## Rappreżentanza

Biex organizzazzjoni tiġi rikonoxxuta bħala sieħeb fid-djalogu soċjali Ewropew, għandha tkun organizzata fil-livell tal-UE u tkun kapaċi tipparteċipa f'konsultazzjonijiet u f'negozjati ta' ftehimiet. L-organizzazzjonijiet għandhom ikunu **rappreżentattivi** ta' diversi Stati Membri tal-UE, filwaqt li l-membri nazzjonali tagħhom għandhom jiġu rikonoxxuti bħala sħab soċjali fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.

Organizzazzjonijiet ta' interess rappreżentattiv fis-sens tal-Artikoli 154–155 tat-TFUE għandhom:

- ikunu bejn l-industriji jew jirrelataw ma' setturi jew kategoriji speċifiċi u jkunu organizzati fil-livell Ewropew;
- jikkonsistu f'organizzazzjonijiet li huma stess huma parti integrali u parti rikonoxxuta tal-istrutturi tas-sħab soċjali tal-Istat Membru, ikollhom il-kapaċità li jinnegożjaw ftehimiet, u jkunu rappreżentattivi ta' diversi Stati Membri; u
- ikollhom strutturi adegwati biex jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fil-proċess ta' konsultazzjoni <sup>(1)</sup>.

Sa mill-2006, il-Eurofound, l-aġenzija tal-UE responsabbli għat-tweqqif tar-riċerka dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, wettqet aktar minn 40 studju dwar ir-rappreżentattività. Il-Eurofound tipprovdi l-evidenza meħtieġa lill-Kummissjoni biex tivvaluta r-rappreżentattività tas-sħab soċjali Ewropej.

(1) Deċiżjoni 98/500/KE tal-20 ta' Mejju 1998.

## Tipi ta' djalogu

L-Unjoni Ewropea tippromwovi d-djalogu soċjali. Ladarba l-impjegatur fil-livell Ewropew u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema jiddeċiedu li jibdew proċess ta' djalogu uffiċjali, il-Kummissjoni ttiprovdi l-qafas biex dan ikun jista' jseħħ. Dan il-qafas jinkludi l-Kumitat għad-Djalogu Soċjali bejn l-industriji, kif ukoll 43 kumitat tad-djalogu soċjali settorjali li jkopru setturi ekonomiċi differenti bħall-agrikoltura, is-settur bankarju, il-kummerċ, l-avjazzjoni ċivili, il-kostruzzjoni, l-industrija kimika, l-edukazzjoni, l-isptarijiet u l-kura tas-saħħa, il-lukandi u r-ristoranti, it-trasport u ħafna aktar (ara paġna 11 għal-lista sħiħa tas-setturi koperti).

**Djalogu soċjali bipartitiku** fil-livell Ewropew isir bejn l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tat-trejdjunjins. Il-kwistjonijiet diskussi jstgħu jaffettwaw lill-industrija kollha jew inkella lil setturi speċifiċi tal-ekonomija. Id-djalogu bipartitiku jsir fil-kumitati msemmijin hawn fuq, bil-Kummissjoni Ewropea sservi bħala faċilitatur u medjatur.

Fid-**djalogu soċjali tripartitiku** jiltaqgħu rappreżentattivi tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, flimkien ma' rappreżentattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill tal-UE), fis-Summit Soċjali Tripartitiku għat-Tkabbir u l-Impjiegi darbtejn fis-sena. Huma jkollhom ukoll taħdidiet regolari fil-livell tekniku u politiku dwar il-makroekonomija, l-impjiegi, il-ħarsien soċjali u l-edukazzjoni u t-taħriġ.

### KONT TAF?

Id-djalogu soċjali settorjali żviluppa b'mod konsiderevoli, minn sempliċiment 19-il settur ekonomiku fl-1999 għal 43 kumitat fl-2016. Huwa pproduċa wkoll sitt ftehimiet qafas li ġew implimentati minn direttivi (pereżempju, it-trasport marittimu, il-ferrovija, l-avjazzjoni ċivili, l-isptarijiet u l-kura tas-saħħa, u l-pasaġġi fuq l-ilma interni). Ix-xogħol tal-kumitati huwa determinat mill-programmi ta' ħidma kif miftiehem mis-sħab soċjali.

## Forums għad-djalogu soċjali Ewropew

- **Summit Soċjali Tripartitiku (TSS):** Minħabba l-grad għoli tal-kompożizzjoni (livell presidenzjali) u l-prossimità tiegħu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew, it-TSS iservi bħala l-forum politiku ewlieni għall-konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Peress li t-TSS iseħħ qabel il-laqqgħat ta' Marzu u ta' Ottubru tal-Kunsill Ewropew, id-dibattitu dwar il-politiki ekonomiċi u soċjali li aktar tard jiġu diskussi mill-Kapijiet ta' Stat u l-Gvern huwa opportunità ewlenija.
- **Id-Djalogu Makroekonomiku (MED):** Il-MED huwa forum ta' livell għoli (livell ministerjali) għall-Kunsill, għall-Kummissjoni, għall-Bank Ċentrali Ewropew u għas-sħab soċjali biex jiskambjaw l-opinjoni. Stabbilit mill-Kunsill Ewropew ta' Cologne f'Ġunju tal-1999, l-għan tiegħu huwa li jikkontribwixxi fit-tkabbir u fl-istabbiltà tal-qafas makroekonomiku tal-UE.
- **Kumitat ta' Djalogu Soċjali (bejn l-industriji) (SDC):** L-SDC huwa l-forum ewlieni għad-djalogu soċjali bipartitiku tal-UE fil-livell bejn l-industriji.
- **Kumitati ta' Djalogu Soċjali Settoralji (SSDCs):** L-SSDCs jipprovdu forum għad-diskussjoni u l-għoti ta' pariri dwar l-impjiegi u l-proposti ta' politika soċjali f'setturi speċifiċi.
- **Il-Forum ta' Kollegament** jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali kollha tal-UE u tal-Kummissjoni.
- Kumitati konsultattivi
- Seminars u proġetti konġunti mis-sħab soċjali

**KONT TAF?**

Taħt it-Trattat tal-UE, is-sħab soċjali jistgħu jiffurmaw relazzjonijiet tax-xogħol direttament madwar l-Ewropa billi jikkonkludu ftehimiet fil-livell tal-UE.

**Id-djalogu soċjali kif jaħdem?**

Is-sħab soċjali jafu r-realtà fil-postijiet tax-xogħol tal-Ewropa. Huma jifhmu l-ħtiġijiet tal-ħaddiema u tan-negozji u jiddefendu l-interessi tagħhom. L-involvement tagħhom fil-livell tal-UE jgħin biex jiżgura li l-inizjattivi fil-livell tal-UE jqisu t-tħassib tagħhom. Bħala riżultat ta' dan, huma għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-politika soċjali tal-UE u fid-definizzjoni tal-istandards soċjali Ewropej. Id-djalogu bejn is-sħab soċjali mhux biss jinfluwenza l-mod ta' kif inhuma organizzati s-swieq tax-xogħol u x-xogħol, iżda jgħin ukoll biex jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku, joħloq impjegji ġodda u jiżgura ġustizzja fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk huwa r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea li tappoġġja u tippromwovi d-djalogu soċjali.


Ir-rwol fundamentali tas-sħab soċjali fit-tfassil ta' leġislazzjoni li tappartjeni għall-politika soċjali huwa definit fl-Artikoli 152, 154 u 155 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE).

Kif muri fil-graff ta' hawn taħt, qabel ma l-Kummissjoni tissottometti proposta relatata mal-politika soċjali hija tibda billi tikkonsulta s-sħab soċjali, l-ewwel dwar id-direzzjoni possibbli tal-azzjoni tal-UE u, jekk il-Kummissjoni tirrakkomanda l-azzjoni fil-livell tal-UE, dwar il-kontenut tal-proposta prevista. Is-sħab soċjali jistgħu jillimitaw ruħhom li jipprovdu lill-Kummissjoni b'opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet dwar is-suġġett inkwistjoni jew, skont l-Artikolu 155 tat-TFUE, huma stess jistgħu jibdeu negozjati fuq il-kwistjoni.

L-Artikolu 155 joffri wkoll lis-sħab soċjali d-dritt li jinnegozjaw fuq inizjattiva tagħhom stess. Imbagħad, dawn il-ftehimiet jistgħu jiġu implimentati madwar l-UE mis-sħab soċjali nfushom jew permezz ta' leġislazzjoni tal-UE.



Proċedura ta' konsultazzjoni u negozjar skont l-Artikoli 154 u 155



## Riżultati ta' produzzjoni

S'issa, il-proċedura ta' negozjar tad-djalogu soċjali (l-Artikoli 154–155 tat-TFUE) iproduċiet erba' ftehimiet fil-livell bejn l-industriji li ġew implimentati permezz tad-Direttivi:

- il-ftehim qafas ta' Diċembru 1995 dwar **il-liv tal-ġenituri**, jagħti lill-impjegati kollha dritt individwali u mhux trasferibbli għal mill-inqas tliet xhur ta' liv tal-ġenituri sakemm it-tifel jew tifla jilħaq/tiħaq età partikolari (li għandha tiġi definita fil-livell nazzjonali) sa tmien snin. Il-ftehim jintitola wkoll lill-impjegati jjem liberi mix-xogħol minħabba kwistjonijiet urġenti tal-familja. (Direttiva 96/34/KE)
- is-sħab soċjali **rrevedew il-ftehim dwar il-liv tal-ġenituri** f'Ġunju tal-2009. Il-bidliet kienu jinkludu żieda fl-intitolament minimu tal-liv tal-ġenituri minn tliet xhur għal erba' xhur għal kull impjegat, b'mill-inqas xahar li ma jkunx trasferibbli bejn il-ġenituri. (Direttiva 2010/18/UE)
- il-ftehim qafas ta' Ġunju tal-1997 dwar **ix-xogħol part-time** stabbilixxa l-prinċipju li l-ħaddiema part-time ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema full-time sempliċiment minħabba li jaħdmu part-time. (Direttiva 97/81/KE)
- il-ftehim qafas ta' Marzu tal-1999 dwar **xogħol b'terminu fiss** stabbilixxa l-prinċipju li ħaddiema b'terminu fiss ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema b'kuntratt definit sempliċiment minħabba li għandhom kuntratt b'terminu fiss. (Direttiva 1999/70/KE)

Numru ta' **ftehimiet settorjali** ġew implimentati wkoll permezz ta' direttivi. Dawn jinkludu ftehimiet li jstabbilixxu limitazzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol f'setturi differenti tat-trasport (il-baħħara, l-avjazzjoni ċivili, il-linja tal-ferrovija, il-passaġġi fuq l-ilma interni), l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu u l-prevenzjoni ta' korrimenti fil-qasam tal-isptar u tal-kura tas-saħħa.

Id-djalogu soċjali tal-UE jista' jirriżulta wkoll fi **ftehimiet awtonomi**. F'dawn il-każijiet, is-sħab soċjali jstabbilixxu qafas ġenerali fil-livell tal-UE li jobbliha lill-organizzazzjonijiet nazzjonali affiljati tagħhom biex jimplementaw il-ftehim skont il-proċeduri nazzjonali u l-prattiki speċifiċi għall-maniġment, għax-xogħol u għall-Istati Membri. Attwalment, kien hemm erba' ftehimiet awtonomi konklużi fil-livell bejn l-industriji:

- **telexogħol** (2002)
- **stress fuq ix-xogħol** (2004)
- **fastidju u vjolenza fuq ix-xogħol** (2007)
- **swieq tax-xogħol inklużivi** (2010)

**Swieq tax-xogħol inklużivi:** Fl-2010, is-sħab soċjali bejn l-industriji adottaw ftehim qafas awtonomu konġunt li jiddeskrivi x'jista' jsir biex titjeb l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol. Il-ftehim jippreżenta l-isfidi ewlenin u jiżviluppa firxa ta' azzjonijiet li s-sħab soċjali jistgħu jieħdu biex jgħinu lin-nies li jinsabu f'sitwazzjonijiet żvantaġġjati jidħlu, jibqgħu u jagħmlu progress fis-suq tax-xogħol. Huwa għandu wkoll l-għan li jqajjem aktar kuxjenza fost l-impjegaturi u l-ħaddiema dwar il-benefiċċji tas-swieq tax-xogħol inklużivi.

**Prevenzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fuq ix-xogħol:** Ir-riċerka turi li kull sena wieħed minn kull 20 ħaddiem jiġi espost għall-bullying u/jew għall-fastidju. Bħala reazzjoni għal din is-sejba, fl-2007, l-impjegaturi u t-trejdjunjins laħqu ftehim dwar approċċ ta' tolleranza zero għal fastidju morali u sesswali u vjolenza fiżika fuq il-post tax-xogħol. Il-ftehim stabbilixxa proċeduri għal kumpaniji Ewropej biex jittrattaw każijiet possibbli.

Ġew konklużi wkoll ftehimiet awtonomi fil-livell settorjali (bħall-**ftehim** tal-2004 dwar il-liċenzja Ewropea għas-sewwieqa tal-ferroviji li joffru servizzi ta' interoperabbiltà bejn l-industriji) u fil-livell multisettorjali (bħall-**ftehim** tal-2006 dwar il-Ħarsien ta' Saħħet il-Ħaddiema permezz tal-Immaniġġjar u tal-Użu Tajjeb tas-Silika f'Forma ta' Kristalli u l-Prodotti li jinkluduha).

Madankollu, ir-riżultati tad-djalogu soċjali jmorru ferm lil hinn mil-leġiżlazzjoni u l-ftehimiet awtonomi. Parti sostanzjali tax-xogħol tas-sħab soċjali Ewropej tinvolvi s-segwitu ta' żviluppi rilevanti tal-politika tal-UE u l-iżgurar li l-vuċijiet konġunti tagħhom jinstemgħu fl-interessi tal-kumpaniji u tal-ħaddiema li huma jirrappreżentaw. Id-djalogu soċjali Ewropew jirriżulta wkoll fil-pubblikazzjoni ta' diversi testi u għodod konġunti li jipprovdu gwida politika u parir prattiku li jappoġġja l-attivitatiet tal-membri tagħhom.

**Qafas ta' azzjonijiet dwar l-impjeg taż-żgħażaġh:** F'Ġunju tal-2013, is-sħab soċjali bejn l-industriji tal-UE ffirmaw qafas ta' azzjoni dwar l-impjeg taż-żgħażaġh. Hawnhekk huma impenjaw ruħhom li jippromwovu soluzzjonijiet għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u ħeġġew lis-sħab soċjali, lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-partijiet interessati oħrajn biex jaħdmu b'mod attiv għal dan l-għan.

## Bidu ġdid għad-djalogu soċjali

Id-djalogu soċjali huwa kruċjali biex jippromwovi l-kompetittività kif ukoll il-ġustizzja fl-Ewropa. Pajjiżi bi tradizzjoni twila ta' djalogu soċjali x'aktarx ikollhom ekonomiji aktar stabbli u spiss huma l-aktar ekonomiji kompetittivi tal-Ewropa.

B'kunsiderazzjoni tar-rwol importanti tad-djalogu soċjali u l-benefiċċju pożittiv li għandu fuq l-ekonomija ta' pajjiż, illum l-isfida hija li jissaħħaħ ir-rwol tiegħu madwar l-Istati Membri kollha tal-UE.

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker, jilqa' din l-isfida u ħabbar «bidu ġdid għad-djalogu soċjali». L-inizjattiva tnediet f'konferenza ta' livell għoli f'Marzu tal-2015, fejn is-sħab soċjali u l-Kummissjoni qablu li hemm bżonn ta':

- involviment aktar mill-qrib tas-sħab soċjali fis-Semestru Ewropew,
- enfasi akbar fuq il-bini ta' kapaċità tas-sħab soċjali nazzjonali,
- aktar involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil ta' politika u ta' liġijiet tal-UE,
- relazzjoni aktar ċara bejn il-ftehimiet tas-sħab soċjali u l-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar.

Passi bil-għan li jiġu implimentati dawn l-oqsma bdew ftit wara l-konferenza, u ġew formalizzati aktar speċifikazzjonijiet b'dikjarazzjoni konġunta ffirmata fis-27 ta' Ġunju 2016 mill-Viċi-President tal-Kummissjoni għall-Euro u d-Djalogu Soċjali, is-Sur Valdis Dombrovskis; mill-Kummissarju għall-Impjegji, l-Affarijiet Soċjali, il-Ħiliet u l-Mobilità tal-Ħaddiema, is-Sinjura Marianne Thyssen; mis-sħab soċjali bejn l-industriji Ewropej (ETUC, BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP) u mill-Presidenza Netherlandiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Id-dikjarazzjoni konġunta tenfasizza r-rwol fundamentali tad-djalogu soċjali Ewropew bħala komponent sinifikanti tal-impjeg u t-tfassil ta' politika soċjali tal-UE. Hija tidentifika wkoll l-azzjonijiet li għandhom jittiegħdu mill-firmatarji, bil-għan li jissaħħaħ aktar id-djalogu soċjali fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tirreferi għall-konklużjonijiet dwar «bidu ġdid għal djalogu soċjali b'saħħtu», adottati qabel mill-Ministri tal-Impjeg u tal-Affarijiet Soċjali tal-UE f'Ġunju tal-2016.

## Sħab soċjali fi djalogu soċjali bejn l-industriji

Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU)	<a href="http://www.etuc.org">www.etuc.org</a>
Konfederazzjoni tan-Negozji Ewropej (BUSINESSEUROPE)	<a href="http://www.businessseurope.eu">www.businessseurope.eu</a>
Ċentru Ewropew għall-Intrapriżi b'Parteċipazzjoni Pubblika u għall-Intrapriżi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (CEEP)	<a href="http://www.ceep.eu">www.ceep.eu</a>
Assoċjazzjoni Ewropea tal-Artiġjanat u tal-Intrapriżi Żgħir u Medji (UEAPME)	<a href="http://www.ueapme.com">www.ueapme.com</a>
Eurocadres (Kunsill tal-Professjonisti u tal-Persunal Amministrattiv Ewropej) — bħala parti mid-delegazzjoni ETUC	<a href="http://www.eurocadres.org">www.eurocadres.org</a>
Konfederazzjoni Ewropea tal-Eżekuttivi u Persunal Maniġerjali (CEC) — bħala parti mid-delegazzjoni ETUC	<a href="http://www.cec-managers.org">www.cec-managers.org</a>

## Kumitati tad-djalogu soċjali settorjali

<b>Setturi tar-riżorsi naturali</b>	Agrikoltura	Industrija estrattiva	Sajd fil-baħar
<b>Setturi tal-manifattura</b>	Industrija kimika	Kostruzzjoni	Elettriku
	Industrija tal-ikel u tax-xorb	Xedd tas-saqajn	Għamara
	Gass	Industrija tal-Metall	Industrija tal-Karti
	Bini tal-bastimenti	Azzar	Zokkor
	Konzar	Tessuti u fwejjeġ	Xogħol tal-injam
<b>Setturi tas-servizzi</b>	Awdjoviżiv	Settur bankarju	Forniment tal-ikel
	Amministrazzjonijiet tal-Gvern ċentrali	Avjazzjoni ċivili	Kummerċ
	Edukazzjoni	Industrija tal-grafika	Horeca
	Sptarjiet	Tindif industrijali	Passaġġi fuq l-ilma interni
	Assigurazzjoni	Wirjiet b'mod dirett	Gvern lokali u reġjonali
	Trasport marittimu	Servizzi personali	Portijiet
	Servizzi postali	Sigurtà privata	Futbol professjonali
	Linji tal-ferroviji	Trasport fit-triq	Telekomunikazzjonijiet
	Xogħol temporanju tal-aġenziji		



## **KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

### **Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE  
([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntattja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/eurodirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/eurodirect/index_mt.htm))  
jew ċempel fuq 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).  
(\* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi,  
kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Meta wieġed jikkunsidra r-rwol importanti li d-djalogu soċjali għandu għall-mudell soċjali Ewropew billi jippromwovi l-kompetittività, il-ġustizzja, il-prosperità ekonomika u l-benesseri soċjali, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda taħdem sabiex tippromwovi d-djalogu soċjali madwar l-UE kollha. Fil-qalba ta' dan l-isforz hemm il-"bidu għad-djalogu soċjali", fiidma konġunta mill-istituzzjonijiet tal-UE u mis-sħab soċjali fil-livell tal-UE u nazzjonali.

Aktar informazzjoni dwar id-djalogu soċjali  
<http://ec.europa.eu/social/socialdialogue>



#EUsocdia

Tista' tniżżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla ħlas minn  
<http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irreġistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla ħlas minn  
<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



<https://www.facebook.com/socialeurope>



[https://twitter.com/EU\\_Social](https://twitter.com/EU_Social)

